31999D0279

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Marzu 1999

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-ftehim qafas dwar il-koperazzjoni interreġjonali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Istati Partijiet tiegħu, min-naħa l-oħra

(1999/279/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 130y tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2];

Billi l-Artikolu 130u tat-Trattat jipprovdi li l-politika Komunitarja fl-isfera ta' koperazzjoni fl-iżvilupp għandha trawwem (tinkoraġġixxi) żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-integrazzjoni għal-lixx u gradwali ta' dawk il-pajjiżi fl-ekonomija dinjija (mondjali) u l-kampanja (ġlieda) kontra l-faqar f'dawk il-pajjiżi;

Billi huwa xieraq li jkun approvat, f'isem il-Komunità Ewropea, il-ftehim qafas dwar il-koperazzjoni interreġjonali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Istati Partijiet tiegħu, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Madrid f'Diċembru 1995,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ftehim qafas dwar il-koperazzjoni interreġjonali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Istati Partijiet tiegħu, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni [3].

Artikolu 2

Skond l-Artikolu 26 tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill għandu jippresjedi l-Kunsill ta' Koperazzjoni u għandu jirrappreżenta lill-Komunità f'dak il-Kunsill. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi l-Kumitat ta' Koperazzjoni Konġunt u s-Sottokumitat Konġunt dwar il-kummerċ skond ir-regoli interni tagħhom u għandu jirrappreżenta lill-Komunità f'dawk il-korpi.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li jipprovdi għaliha l-Artikolu 34 tal-Ftehim f'isem il-Komunità.

Artikolu 4

Din id-Deċizjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjail tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Marzu 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

G. VERHEUGEN

[1] ĠU C 14, 19.01.96, p. 3.
[2] ĠU C 166, 10.06.96, p. 40.
[3] ĠU L 69, 19.03.96, p. 4.